# 2. Assessjamenti mit-Tim tal-Assessjament tal-kura tal-anzjani (Aged Care Assessment Team - ACAT)

Jekk għandek bżonn xi ftit għajnuna fid-dar jew qed taħsibha tmurx tgħix f'dar ta' kura tal-anzjani, jista' l-ewwelnett ikollok bżonn assessjament bla ħlas tal-ACAT*. Membru tal-ACAT ser ikellmek dwar is-sitwazzjoni kurrenti tiegħek u jara jekk intix eliġibbli li tirċievi servizzi tal-kura tal-anzjani issussidjati mill-gvern.

**Nota:* f'Victoria, it-Timijiet tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani huma magħrufa bħala Servizz tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani (ACAS).

## Meta jkolli bżonn assessjament tal-ACAT?

Int ser ikollok bżonn assessjament u approvazzjoni tal-ACAT jekk int għandek bżonnijiet kumplessi tal-kura tal-anzjani u trid:

- taċċessja s-servizzi tal-kura tal-anzjani permezz ta' kwalunkwe livell tal-Pakkett tal-Kura fid-Dar (Home Care Package)
- tirċievi servizz permezz tal-Programm tal-Kura Transizzjonali
- tirċievi kura tar-respajt f'dar ta' kura tal-anzjani
- tmur toqgħod f'dar ta' kura tal-anzjani.

Int ser ikollok bżonn Assessjament tas-Sapport fid-Dar jekk għandek livell ta' dħul jew bżonnijiet tal-kura tal-anzjani u trid taċċessja servizzi permezz tal-Programm tal-Commonwealth tas-Sapport fid-Dar (Commonwealth Home Support Programme) bħal ikliet u trasport. Int mhux ser ikollok bżonn Assessjament ta' Sapport fid-Dar jew assessjament tal-ACAT għas-servizzi tal-kura tal-anzjani li mhumiex issussidjati mill-gvern. Pereżempju, servizzi offruti minn gruppi ta' voluntiera u organizzazzjonijiet tal-karità.

## X'jiġri matul assessjament tal-ACAT?

Membru tal-ACAT lokali tiegħek – normalment ners, social worker, jew professjonist ieħor tal-kura tas-saħħa – ser jiffissa appuntament biex jarak f'darek (jew fl-isptar, jekk bħalissa tinsab fl-isptar) u jkellmek dwar kemm qed jirnexxilek timmaniġġja il-

ħajja tiegħek ta’ kuljum. Int tista' ukoll tagħżel li jkollok xi ħaddieħor – forsi membru tal-familja, ħabib/a jew kerer jattendi l-assessjament miegħek għal aktar sapport.

Il-membru tal-ACAT jista’ jitlob il-permess tiegħek biex ikellem lit-tabib tiegħek biex jiddiskutu l-passat mediku tiegħek qabel ma jiltaqgħu miegħek. Jekk taqbel, il-kunsens tiegħek ser ikun irrekordjat mill-membru tal-ACAT.

Il-passi li ġejjin jispjegaw fil-qosor x’għandek tistenna li jiġri matul l-assessjament tal-ACAT. Il-membru tal-ACAT ser:

- jitlob il-permess tiegħek biex jagħmel assessjament
- jitolbok jekk tixtiqx tapplika għall-approvazzjoni biex tirċievi ċerti servizzi tal-kura tal-anzjani. Huma ser jispjegawlek l-għażliet dwar is-servizz, u jekk tkun trid tapplika, huma ser jitolbuk tiffirma formola tal-applikazzjoni
- jistaqsuk mistoqsijiet dwar l-attivitajiet tal-ħajja ta’ kuljum tiegħek u jekk għandekx bżonn għajnuna tagħmilhom kollha jew xi wħud minnhom. Huma jkunu jridu wkoll jitkellmu dwar l-istat ġenerali ta’ saħħtek u kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa. Dan ser jgħinhom jaraw kemm u x’tip ta’ għajnuna għandek bżonn
- ikellmuk dwar jekk huma jaħsbux għandekx bżonn aktar sapport biex tkun tista’ tibqa’ tgħix f’darek stess, jew jekk jaħsbu li int tista’ tkun issapportjat aħjar f’dar tal-kura tal-anzjani
- jagħtuk tagħrif dwar is-servizzi kollha li jistgħu jinkisbu fiż-żona lokali tiegħek.

### Wara l-assessjament

Wara l-assessjament, l-ACAT ser jiktiblek biex jgħarrfek dwar ir-riżultat tal-assessjament tiegħek. L-ittra ser tispeċifika s-servizzi li int ġejt approvat li tirċievi, kif ukoll ir-raġunijiet għala. Int ser tirċievi wkoll tagħrif ieħor dwar l-assessjament.

Int għandek iżżomm kopja ta’ dawn id-dokumenti għax ser tagħmilha aktar faċli għall-provvedituri tas-servizz jikkonfirmaw li int eliġibbli tirċievi servizzi tal-kura tal-anzjani ssussidjati mill-gvern.

Jekk int m’intix kuntent bir-riżultat tal-assessjament tiegħek, l-ittra ser tispjegalek ukoll kif tista’ titlob li d-deċiżjoni tal-ACAT tiġi riveduta.

## Drittijiet matul l-assessjament tal-ACAT

Int għandek mnejn tħossok ftit ħosbien dwar l-idea li tkun assessjat minn xi ħadd li ma tafx bħal ma hu membru tal-ACAT.

Jekk tħossok hekk, ftakar biss li n-ners, is-social worker jew professjonista ieħor li qed iżurek, hu mdorri jitkellem ma’ persuna fis-sitwazzjoni tiegħek u ser jifhem kif tħossok. Għidlu onestament dwar is-sitwazzjoni tiegħek u x’inhu t-tħassib tiegħek.

### Int għandek id-dritt :

- li tkun stmat bid-dinjità u bir-rispett
- li tingħata tagħrif dwar il-proċess tal-assessjament, li jgħidulek x’qed jiġri u għala
- li tesprimi l-opinjonijiet u l-ideat tiegħek
- li t-tagħrif personali dwarek, bħall-passat mediku tiegħek, jiġi trattat b’mod konfidenzjali
- li ikollok lil xi ħadd miegħek matul l-assessjament jekk tixtieq. Dan jista’ jkun membru tal-familja, ħabib tal-qalb jew kerer

- li ikollok interpretu, li l-ACAT ikunu jistgħu jġibu
- li tkellem lil xi ħadd independenti li jkun jista' jgħinek b'xi parir, jew jitkellem u jikkorda f'ismek.

Jekk ma tħossx li d-drittijiet tiegħek kienu osservati matul il-proċess tal-assessjament tal-ACAT, int tista' tagħmel ilment lill-gvern relevanti tal-istat jew territorju tiegħek li jimpjega lill-ACATs.

## Tqajjem tħassib dwar l-assessjament tal-ACAT

Is-sehem tal-ACAT hu li jagħmel valutazzjoni tal-bżonnijiet tiegħek u jgħinuk tikkonnettja ma' xi servizz. F'xi każijiet, int jista' jkollok tħassib dwar kif ġejt stmat matul il-proċess tal-assessjament. Int għandek id-dritt li tqajjem dan it-tħassib. Meta tqajjem it-tħassib tiegħek, dan jista jgħin itejjeb is-servizzi, mhux biss għalik, imma għall-oħrajn ukoll.

## X'għandi nagħmel?

Kull ACAT għandu proċeduri stabbiliti biex jiddiskutu t-tħassib tiegħek. Aħna nissuġġerixxu li l-ewwel tkellem lil ACAT biex jaraw jekk jistgħux jgħinuk. Ta' spiss jkun l-aħjar ħaġa li tista' tagħmel jekk int, jew il-persuna li qed tirrappreżentak, titkellem direttament mal-kap tat-tim tal-ACAT biex isolvi kwalunkwe problema. Huma jinsabu hemm biex jgħinuk u ser jisimgħu it-tħassib tiegħek. Int tista' wkoll tara jekk tridx li jkun hemm xi ħadd li jissapportjak meta tqajjem it-tħassib tiegħek.

## X'jiġri jekk l-ilment tiegħek ma jkunx riżolt?

Jekk int u l-ACAT ma tistgħux tirriżolvu l-problema, int tista' tqajjem it-tħassib tiegħek mal-Gvernijiet relevanti tal-Istat jew tat-Territorju. L-ACATs huma impjegati mill-Gvernijiet Statali jew Territorjali, hekk kull tim hu kopert mill-proċeduri tal-ilmenti tal-Gvern tagħhom.

## X'jiġri jekk m'iniex sodisfatt mir-riżultat tal-assessjament?

Jekk taħseb li r-riżultat tal-assessjament għandu jinbidel int tista' tikteb lis-Segretarju tad-Dipartiment tal-Gvern Awstraljan tas-Servizzi Soċjali (Secretary of the Australian Government Department of Social Services) u għidilhom għala taħseb li għandu jinbidel. Int għandek tibgħatu fl-indirizz li ġej:

The Secretary
Department of Social Services
C/- Director
Aged Care Branch (NSW and ACT)
GPO Box 9820
SYDNEY NSW 2001

Int għandek  tikteb lis-Segretarju fi żmien 28 ġurnata minn meta tirċievi l-ittra tiegħek mill-ACAT. L-ittra tiegħek mill-ACAT ser tinkludi aktar tagħrif dwar kif int tista' tilmenta jew tappella.

Jekk ma tirċevix ittra li tispjega r-riżultat tal-assessjament tiegħek mill-ACAT, jew kopja tar-Rekord tal-Klijent tal-Kura tal-Anzjani (Aged Care Client Record) tiegħek, int għandek tikkuntattja lill-ACAT u titlobhom kopja.

Mhux ser ikollok tħallas biex titlob li tiġi riveduta l-approvazzjoni tal-ACAT l-ewwel darba. Jekk ma taqbilx mar-riżultat ta' kif ġiet riveduta u tkun trid tmur quddiem it-Tribunal tal-Appelli Amministrattivi (Administrative Appeals Tribunal), allura jkun hemm ħlas.

## Servizzi ta' min jirraprezentak rigward il-kura tal-anzjani

Mod ieħor kif tqajjem tħassib jew biex tikseb parir dwar id-drittijiet tiegħek, hu permezz tas-servizz ta' min jirrapresentak  rigward il-kura tal-anzjani. Dawn is-servizzi jinsabu f'kull stat u territorju. Huma jistgħu wkoll jirrappreżentawk jekk int għandek bżonn tilmenta dwar kwalunkwe kwistjoni dwar il-kura tal-anzjani.

## Il-Passi li jmiss

Għal aktar tagħrif jew għajnuna biex tkun taf fejn jinsab l-ACAT, ċempel liċ-Ċentru tal-Kuntatt ta' My Aged Care fuq 1800 200 422 (My Aged Care Contact Centre).

---

My Aged Care 1800 200 422

Translating and Interpreting Services (TIS) (Servizzi tat-Traduzzjoni u tal-Intepretar) 131 450